# Quddiem Ġesù Msallab.

Daqs kemm ħabbejt, daqs hekk tnisslet mibegħda
F'qalb min għalih sa ħajtek Inti tajt:
Qatlek imsammar fuq salib imżeblaħ,
Fuq is-salib li bi spallejk erfajt.

Għal għadd ta' snin min emmen Fik jinħeba
Kellu bħal f'oqbra u fid-dlam taħt l-art,
Sakemm intebħet Ruma li is-sewwa
Kien biss fil-Kelma li int kont xandart.

U feġġ għad-dinja l-jum sabiħ tat-tama,
Li fik u f'ismek mifdijin ilkoll,
F'għaqda ta' mħabba b'ħrara l-ġnus jintrabtu,
F'għaqda li qatt u xejn ma jista' jħoll.

Imma ħalliek imsallab... hemm imsallab,
Imsammar minn idejk u minn riġlejk,
Għalxejn dirgħajk miftuħa sabiex tħaddan
Lil dak li salbek.... Anqas ħarsa Lejk!

Carmelo Mifsud Bonnici.